MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 146/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Stephen Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 155972(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija AZ Ink Co. Ltd (C8804) ghas-snin 1999, 2000, 2001 u 2002 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemija fis-subartikolu (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Marzu, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 15 u 20 ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba konta tieghu u kkundannatu multa ta’ mitejn Euro (€200); peress li l-appellant m’ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta` AZ Ink Co. Ltd, il-Qorti ma mponitx multa addizjonali.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b’zieda ma’ kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjuba hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell billi thassar u tikkancella s-sentenza appellata li biha wara li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tiddikjara l-procediment estint u tilliberah minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :
Illi l-ewwel Qorti kienet legament skorretta meta cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-esponent billi applikat l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali li jemergi mid-decizjoni Il-Pulizija vs Anna Lebrun tad-9 ta’ Dicembru 2011 [u minn
sentenzi ohrajn decizi fl-istess jum fi-istess sensi u dan ghall-zewg raguniijiet.

Fl-ewwel lok l-esponent jissottometti umilment u bl-akbar rispett lejn il-gudikat ta’ din l-Onorabbli Qorti hawn fuq citat [u abbracjat mill-ewwel Qorti] illi l-insenjament li johrog mill-imsemmija sentenza bid-dovut rigward jikkostitwixxi interpretazzjoni skoretta u inkompleta tal-ipotezi tal-Ligi u dan ghall-numru ta’ ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-tratazzjoni orali ta’ dan l-appell.

F’ dan il-kuntest l-esponent jispjega illi fl-umli fehma tieghu il-fatt li direttur ikunx irrizenja mill-kariga tieghu volontarjarnent jew le b’ ebda mod m’ ghandha twassal biex tincidi fuq il-kwistjoni ta’ jekk il-perjodu preskrittiv tar-reat ghandux jibqa sospiz jew le. Huwa ir-reat fi-interita tieghu u fl-elementi kollha kostitutttivi tieghu li ghandhom jirrizultaw ezistenti b mod interrot sabiex konsegwentement ir-resposnsabilta penali tibqa` tissusti u zzomm l-effetti tal-preskrizzjoni milli jigu fis-sehh. F’ kaz illi wiehed jew aktar mill-elementi tar-reat ma` jkunux ghadhom jezistu
allura hemmhekk tkun intemmet il-permanenza tar-reat kif precedentment ikkunsmat
u konsegwentement il-perjodu preskrittiv ma’ jkunx aktar sospiz propju ghaliex ir-reat
intier ma’ jkunx ghadu jezisti.

Fuq dan il-binarju wkoll jekk wiehed jara id-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti fil-kaz fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dr. Jean Car! Farrugia LL.D. datata 2 ta’ April 2009 jirrizulta li din l-istess Qorti fuq kwistjoni simili [pero` fejn ma kienetx qed tigi dibatuta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni] irriteniet il-galadarba l-imputat ma jkunx ghadu fli-kariga aillura huwa meta setgha b ebda mod jibqa aktar responsabbli ghan-nuqqasijiet tas-socjeta` li kien precedentement jirraprezenta u dan minghajr ma jigi sindikat x’ kienet ir-raguni tar-rizenja mill-posizzjoni ta’ ufticjal tal-kumpanija.

Applikata din l-interpretazzjoni tad-dritt ghal kaz odjern ikun jirrizulta b’ mod car u manifest illi i-eccezzjoni tal-preskrizjoni kienet wahda ben soretta fil-kaz odjern.

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost. fil-kaz partikolari tal-esponent l-

ewwel Qorti setghat mill-provi akkwiziti quddiemha takkolji l-eccezzjoni tat preskrizzjoni setghat tigi akkolta anki propju b' applikazzjoni tal-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti li jemergi mill-gurisprudenza minnha stess kwotata fis-sentenza appellata u dan ghaliex fil-kaz odjern ir-rizenja tal-esponent mill-kariga tieghu kienet wahda mhux kapricuza izda mgieghla in konsegwenza tal-qerq u r-raggiri tad-direttur
u l-azzjonista l-iehor li pogga lis-socjeta de quo fil-posizzjoni li sabet ruhha fiha b'raggiri u maniggi li fuqhom ma' kellu ebda kontroll l-esponenti. Konsegwentement jidher illi l-azzjoni mehuda mill-esponent kienet wahda kawtelatorja u gustifikata tic-
cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz b' mod ghalhekk illi ghal darb' ohra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu ssollevata kienet wahda li kienet timmerita l-akkoljiment a bazi ta' dan l-apprezzament tal-fatti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li mill-atti jirriżulta li xehdet Daniela Azzopardi li qalet li Stephen Cassar kien maħtur direttur fit-28 t'Ottubru 1999 u rriżenja fit-22 ta' Jannar 2003. Id-Direttur l-ieħor kien Alfred de Domenico.

Mill-verbal tal-15 ta' Marzu 2013 jirriżulta li Dr Montalto u Dr David Fiott iddikjaraw li mhux kontestat li l-appellant kien direttur ta' AZ Ink Company Limited u li fl-istess ħin din is-soċjeta' naqset milli tibgħat il-formola tat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu (1) u (2) tal-artikolu 123 tal-Kap 372 kif ukoll ir-regoli tal-1998 dwar l-FSS.

Xehed ukoll l-appellant (fol 61) li kkonferma li kien direttur tas-soċjeta' imsemmija fid-dati li jidhru fiċ-ċitazzjoni. Huwa kien iddeċieda li jgħaqqad il-business tiegħu ma' tad-Direttur l-ieħor. Meta sar id-due diligence exercise, li sara wara ċerta żmien flok fil-bidu, wera ċerta affarijiet li kienu differenti minn kif kien pinġiehom id-direttur l-ieħor.

F’dawn iċ-ċirkostanzi kellu jirriżenja minn direttur. Ir-residenza tiegħu kienet ipotekata biex tagħmel tajjeb għad-dejn tal-kumpanija.

Fil-kontro-eżami huwa qal li sat -22 ta’ Jannar 2003 huwa kien għadu direttur.

L-appellant jissottometti li :

‘Huwa r-reat fl-interita’ tiegħu u l-eleemnti kollha kostituttivi tiegħu li għandhom jirriżultaw eżistenti b’mod ininterrot sabiex ir-responsabilita’ penali tibqa’ tissisusti. U żżomm l-effetti tal-preskrizzjoni milli jiġu fis-seħħ.’

**Il-Preskrizzjoni skont il-Kap 372.**

Dan il-Kap jgħid hekk:

‘Iżda dawk ir-*records* kollha għandhom jinżammu għal żmien ta’ mhux inqas minn disa’ snin wara li jintemmu t-transazzjonijiet, atti jew operazzjonijiet li jkollhom x’jaqsmu magħhom u dawn għandhom ikunu dejjem disponibbli sabiex jiġu eżaminati f’kull waqt tul dak iż-żmien.

**Iż-żmien ta’ preskrizzjoni msemmi qabel m’għandu f’ebda każ jibda għaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat għal kollox id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu u ta’ kull regola li ssir bis-saħħa tagħhom.’**

**X’iddeċidiet il-Qorti fil-każ ‘Il-Pulizija vs Anna Lebrun.’ (9 ta’ Diċembru 2011)**

Il-Qorti kienet qalet hekk:

‘Il-Qorti tirrileva pero’ illi għal dan il-każ partikulari stante li si tratta ta’ l-ex specialis ghandhom japplikaw it-termini ta’ l-istess ligi u l-proviso ta’ l-Artiklu 23(12) tal-Kap. 372 jitkellem ċar u jispeċifika illi ż-żmien tal-preskrizzjoni

m'għandu qatt jibqa' għaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat għal kollox id-dispożizzjonijiet ta' l-istess Artikoli. Quindi direttur fil-kariga jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni għal dawk is-snin kollha li jkun naqas milli jibgħat ir-returns u d-dokumenti lill-istess Kummissarju u r-reat kontemplati fil-Kap. 372 għandhom jitqiesu bhala ta' natura permanenti u jibqgħu hekk sa kemm id-direttur jiew il-persuna kkoncernata tottempra ruħha mal-ligi u tibgħat l-informazzoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. It-tieni kwistjoni hija sa fejn direttur jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anki meta ma jkunx ghadu direttur tal-Kumpanija. U hawnhekk l-appellat qieghed jecepixxi d-difiza ta' impossibilta'. Argumenta illi darba huwa ma baqax aktar direttur tal-kumpanija ma kellux aktar access ghad-dokumenti u kotba tal-kumpanija quindi kien fl-immpossibilta' illi jottempra ruhu mal-Ligi.

Ikkunsidrat.

Fil-waqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi illi d-difiza ta'impossibilta' hija rikonoxxuta fis-sistema guridika taghna, bhala regola generali din id-difiza tista' tigi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx pogga ruhu volontarjament fl-impossibilta' fizika illi jottempra ruhu mal-ligi. Quindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' self inflicted impossibility din id-difiza ma tistax treggi.

Il-proviso tal-artikolu 23(12) jipprovdi li r-reat jibqa' jeżisti 'sakemm min jagħmel ir-reat….' Dawn il-kliem ifissru li r-responsabilita' tad-Direttur jew min għandu fuqu r-responsabilita' illi jottempra tuħu mal-provvedimenti tal-Kap 372 jibqa' repsonsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara li jkun spiċċa minn direttur…..Jekk direttur jirriżenja fi żmien aprtikolari volontarjament, allura volontarjament ikun għalaq il-bieb sabiex jottempera ruħu mal-liġi u fil-konfront tiegħu l-preskrizzjoni ma tapplikax.'

Bir-rispett kollu lejn is-sottomissjoni tal-appellant, l-istat ta' fatt juri li huwa kien direttur fil-perjodu indikat u li ma ntbagħtux il-formoli kollha li kellhom jintbagħtu dak iż-żmien **meta hu kien direttur**. La assuma r-

responsabilita’ li jkun direttur, ikun assuma r-responsabbilita’ li jimxi mal-liġijiet fiskali li jkunu fis-seħħ.

Il-Qorti mhix tara kif tista’ taċċetta s-sottomissjoni tal-appellant li’ r-reat fih innifsu irid ikun jissusti ininterrot’. Il-liġi ma tgħid xejn minn dan. Meta ma ntbagħtux il-formoli fiż-żmien meta l-appellant kien wieħed mid-diretturi, ir-reat kien diġa’ twettaq u huwa kien responsabbli għalih. Il-preskrizzjoni m’għandha x’taqsam xejn ma’ jekk wieħed jibqax direttur jew le u lanqas m’hemm bżonn li wieħed jibqa’ direttur wara ż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni. U jekk wara r-riżenja wieħed ma kellux aċċess għad-dokumenti, **qabel huwa kellu dan l-aċċess.**

Minħabba l-mod kif inhija redatta d-dispożizzjoni dwar il-preskrizzjoni fil-Kap 372, il-preskrizzjoni sempliċiment ma tibdiex tgħaddi ġaladarba wieħed ma jkunx bagħat il-formoli dovuti fiż-żmien meta hu kien direttur. F’dan il-perjodu, l-appellant kien jiffunzjona bħala direttur u seta’ jibgħat il-formoli iżda naqas li jibgħathom u kien hemm time limits biex jintbagħtu. Ukoll jekk id-diverġenzi bejnu u bejn id-direttur l-ieħor kienu diġa’ bdew, dan ma fissirx li, fiż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni, kien hemm xi eżenzjoni biex is-soċjeta’ ma timxix mal-artikolu 23 tal-Kap 372.

Il-Qorti għalhekk qed tiċad it-talba tal-preskrizzjoni.

L-appellant jissottmetti wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tillibera lill-appellant għaliex hu kien ‘imġiegħel’ jirriżenja minn direttur. Il-Prosekuzzjoni staqsiet lill-appellant dwar id-data tar-riżenja. Mir-risposta jirriżulta li l-appellant irriżenja ***wara*** l-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni.

Isegwi għalhekk li din il-Qorti lanqas dan l-aggravju ma tista’ tilqa’. Iċċ-itazzjoni mhix tirreferi għal sena waħda iżda għal erbgħa. Għalhekk wieħed ma jistax jgħid li għax l-affarijiet ma kinux sewwa jiena ‘kelli’ nirriżenja u għalhekk ġara dak li ġara. Ir-riżenja seħħet żmien sew wara l-1999 jew l-2000, jew l-2001.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tiċħad iż-żewġ aggravji u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fid-9 ta' Marzu, 2012.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------